

Diċembru 2017
Nru: 410

# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija - Burmarrad

### *Il-glorja tad-dgħufija*

Kull min kien ilu sekli sħaħ jistenna lill-Messija ġej ma setax jemmen lil għajnejh... u ma ttiħx tort! Il-poplu Lhudi kien jaf li Alla għad jibgħat messija biex isalvah u kien jistenna li dan, meta jiġi, ikun qawwi tant li jeqred kull oppressjoni u jeħles lil artu mill-ħakkiema Rumani. Issa, huma u jħarsu mistagħġba, jaraw tarbija fqira, imwielda lil koppja żagħżugħa barra mill-kumdità ta' darha, jaraw tfajjel minn raħal mhux magħruf għan-nies importanti... Kif setgħu jemmnu li din hija l-glorja ta' Alla? Kellu jkun dan id-dawl kbir li wiegħed il-profeta?

> *"Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù: hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu."* (Fil 2, 5-8)

Il-Milied jaf ikun festa skomda għaliex, filwaqt li nifirħu li Alla tant iħobb lill-bniedem li ried isir ħaġa waħda miegħu biex iqaddsu u jerġa' jroddlu s-sbuħija li tilef bid-dnub, dan il-pjan ta' mħabba jseħħ permezz tat-triq iebsa taċ-ċkunija. Jekk jien irrid inkun qrib Alla ma nistax infittxu f'xi post mimli tlellix u ġid mill-aqwa għaliex hu jinsab fil-fond ta' qalbi fejn jien dgħajjef u midneb, jinsab ma' ħija fqir u emarġinat. Jalla dan il-Milied ma jgħaddix mingħajr ma niltaqgħu ma' Ġesù f'ħajjitna.

Flimkien
*Tista taqra r-rivista Flimkien online:* https://goo.gl/hz2umQ

## *Saltna ta' dawl*

*Minn omelija ta' Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna*

Fit-tarbija ta' Betlehem aħna nilmħu lill-Mulej li sar bniedem għalina, il-misteru kbir li fl-Evanġelju ta' San Ġwann huwa deskritt bi frażi li aħna l-Maltin u l-Għawdxin tant aħna midħla tagħha: "il-Verb sar Bniedem u għammar fostna, *Verbum Dei caro factum est*" (Ġw 1, 14).

Dan l-ewwel kapitlu tal-Evanġelju ta' San Ġwann li l-Knisja xxandar fil-jum tal-Milied ta' kull sena, hemm kliem li jipprova jesprimi l-qalb ta' din il-festa: ħajja, dawl, grazzja u verità. Aħna u nħarsu lejn il-wiċċ ħelu tat-tarbija ta' Betlehem, illum nieqfu biex b'għaġba kbira, b'ammirazzjoni kbira, aħna nirringrazzjaw lill-Mulej tad-don tal-ħajja. Dak li ta l-ħajja lil kull ħlieqa, sar ħolqien.




Nirringrazzjaw lill-Mulej ta' dan il-misteru ta' dawl. Id-dlam li kultant inikket il-qalb tagħna, mhux se jkollu l-aħħar kelma. Kultant tiġina din it-tentazzjoni li naħsbu li d-dlamijiet se jgħelbu d-dawl, li jibqa' jiddi fil-qalb ta' kull bniedem anke fl-agħar ċirkostanzi. "Id-dawl jiddi fid-dlam imma d-dlam ma għelbux" (v. 5).

Fil-lejl tal-Milied, fil-ħemda, jiddi dawl kbir. Tingħata aħbar: "tweldilna Salvatur" (Lq 2, 11), u żewġ kelmiet li jinsisti fuqhom Ġwanni l-Evanġelista fit-tieni parti tal-prologu tiegħu, tal-introduzzjoni għall-Evanġelju, huma "grazzja u verità" (Ġw 1, 17). F'dik it-tarbija fil-maxtura hemm il-grazzja, l-imħabba ta' Alla li tħobb mingħajr ma tfittex il-mertu, mingħajr ma tfittex lanqas il-gratitudni. Hemm il-grazzja, l-imħabba li m'għandhiex prezz, imħabba prezzjuża li lil dik it-tarbija se tiswielha ħajjitha, għax fuq kollox il-Milied huwa wkoll misteru ta' ubbidjenza.

Il-verità. Il-verità hija xi ħaġa li ddawwal il-moħħ, imma wkoll iddawwal il-qalb. L-ikbar verità li titħabbar f'dan il-jum qaddis tal-Milied huwa li Alla jħobbok, li Alla jħobbna, li għalina ħejja futur sabiħ. Din hija l-ikbar verità, l-isbaħ verità, dik li lilna kontinwament terfagħna. Mhux din hi l-missjoni ta' din it-tarbija li ngħatat l-isem ta' Ġesù, Alla li jerfagħna, li jsalvana, li jaħjina, jagħtina l-ħajja? Il-Mulej jagħmel hekk billi hu Alla magħna Għimmanu-El. "Il-verb sar bniedem u għammar fostna". Poġġa t-tinda tagħna fostna u aħna rajna l-glorja tiegħu, din il-glorja li timla l-qalb ta' kull wieħed u waħda minna bix-xenqa għall-paċi u bl-esperjenza qawwija tas-sliem.

Fit-talba li l-Knisja tgħanni fil-Milied titlob biex kif f'jum il-Milied, aħna mdawwra bid-dija tat-tarbija ta' Betlehem, hekk kif il-moħħ tagħna huwa mdawwal bil-verità qawwija li

Alla jħobbna, l-imġiba tagħna tirrifletti l-esperjenza tagħna. Ejjew nitolbu biex aħna nkunu dawl għal ħaddieħor, ejjew nitolbu biex fil-kultura tagħna il-ħajja tibqa' tassew prezzjuża mill-bidu tagħha sat-tmiem naturali tagħha. Ejjew inkunu għal xulxin grazzja, messaġġ kontinwu li Alla jħobbna permezz tal-imħabba tagħna lejn xulxin. Ejjew inxandru bi kliemna, b'għemilna, il-verità qawwija u sabiħa li Alla huwa mħabba.

"Mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna grazzja fuq grazzja, għax il-grazzja u l-verità seħħew permezz ta' Ġesù Kristu" (vv. 16-17). Jalla aħna, il-familja ta' Ġesù, inkomplu nsaħħu u nagħmlu li jseħħ dan il-messaġġ straordinarju: Alla sar bniedem biex isalvana, biex jagħtina sehem mill-ħajja tiegħu, biex jagħtina sehem mill-ħajja tiegħu ta' Alla, biex jagħtina sehem mill-imħabba għax hu mħabba.

## STRINA 2017

~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~

**Ma' din il-ħarġa ta' *Leħen il-Parroċċa* għandek issib *envelope* biex fih tkun tista' twassal l-offerta tiegħek għal żmien il-Milied. Hekk il-komunità nisranija f'Burmarrad, bl-għajnuna tiegħek tkun tista' tibqa' taqdi l-missjoni tagħha li twassal il-Kelma u l-imħabba tal-Mulej f'dan ir-raħal.**

## *Christmas Breakfast*

**fiċ-Ċentru Parrokkjali Sant'Antnin wara l-quddiesa ta' Nofsillejl**

**Ikel bnin f'ambjent ferrieħi !!!**
**€10**
**Ibbukkja mill-aktar fis billi ċċempel fuq 99257257 / 77622275**

## *Għat-tfal*

***Tinsewx li kull nhar ta' Sibt fl-4pm niltaqgħu fiċ-Ċentru għall-Oratorju. Hemm nilgħabu, nitgħallmu, insiru aktar ħbieb tal-oħrajn u ta' Ġesù. Ikun hemm attivitajiet li jogħġbu lil kulħadd!***
***Ejja int ukoll u tieħu gost żgur.***




~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~

## *Kalendarju Diċembru 2017*

**1** L-ewwel Ġimgħa tax-xahar.

**2** Bidu tal-Avvent. Żmien ta' stennija fil-ferħ għat-tieni miġja ta' Ġesù fostna.
Irtir tal-Avvent bejn id-9.30am u 12.30pm.

**2-3** Ċensiment fil-quddies tal-Ħadd.
Bazaar b'riżq il-festa fid-Dar Parrokkjali (*Ħdejn Suiga Bar*)

**5** Assemblea Parrokkjali fiċ-Ċentru Parrokkjali. Quddiesa fis-6.15pm, waqfa għall-kafè u laqgħa.

**8** Festa tal-Immakulata. Quddies fil-5.30am, 6.15am u 6.15pm. Fil-quddiesa ta' filgħaxija nġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija.

**9-10** Viżta Pastorali tal-Arċisqof Charles J. Scicluna. *Għad-dettalji ara l-programm li qed jitqassam ma' dan il-fuljett.*

**15-23** Novena tal-Milied. Fil-quddiesa ta' filgħaxija jsir ħsieb bi tħejjija għall-Milied.

**19** Premjazzjoni tat-tfal li jattendu għall-katekeżi fil-parroċċa fil-5.30pm fil-Knisja.

**21** Ċelebrazzjoni pentenzjali u qrar fil-Knisja mis-6.15pm 'il quddiem.

**22** Purċissjoni bil-bambin fil-5.30pm miċ-Ċentru Parrokkjali lejn il-Knisja. Mal-wasla fiċ-Ċentru tibda l-quddiesa.

**24** Lejlet il-Milied. Ma jkunx hemm quddiesa fis-6.15pm.
Fil-11pm tibda l-velja bi preparazzjoni għaċ-ċelebrazzjoni tat-Twelid ta' Ġesù li fiha ssir il-prietka tradizzjonali. F'nofsillejl quddiesa solenni.

**25** Jum il-Milied. Il-quddies ikun bħal tal-Ħadd.

**28** Festin għat-tfal mit-3pm 'il quddiem fiċ-Ċentru. It-tfal li sa jattendu għandhom jinkitbu sat-23 ta' Diċembru. *M'hemmx ħlas fiss għal dan il-festin imma donazzjoni libera biex jittaffew l-ispejjeż.*

**29** Ħarġa għat-tfal u adolexxenti. Tluq minn quddiem il-Knisja fid-9.30am. Il-ġenituri huma mistiedna wkoll!

**31** Quddiesa ta' ringrazzjament għas-sena 2017 bil-kant tat-TE Deum fis-6.15pm.

### *Jannar 2018*

**1** Festa ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi. Il-quddies ikun bħal tal-Ħadd.

**5** L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Quddiesa għat-tfal fil-5pm.

**6-7** Festa tal-Epifanija tal-Mulej. Fil-quddiesa tas-Sibt filgħaxija ssir it-tifkira taż-żjara tal-maġi.

**9** Jerġgħu jibdew il-laqgħat ta' katekeżi.

Nawgurawlkom Milied qaddis
fl-għaqda u l-paċi
mimli bil-ferħ u l-imħabba
tal-Mulej Ġesù li sar bniedem.